MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.
ANTONIO MIZZI**

Seduta tad-29 ta' Jannar, 2010

Numru. 914/2009

Il-Pulizija
(Sp Kevin Farrugia)
vs
Mary Clare Portelli, bint Carmelo Mallia, imwielda Pieta' fis-16 ta' Lulju, 1972, Karta ta' l-Identita' numru 322572(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputata talli fis-27 ta' Frar, 2009 u fil-jiem ta' wara f'Birkirkara u f'dawn il-Gżejjer –
1. għamlet ħsara volontarja fuq ħwejjeġ ħaddieħor (klampi u aċċessorji) liema ħsara ma tiskorriex €1,164.69 imma iżjed minn €116.47;
2. ikkomettiet serq ta' vettura tal-marka Peugeot, bin-numru tar-reġistrazzjoni HAN591, u ta' klampi u aċċessorji oħra għad-dannu tal-Gvern ta' Malta, il-Kumitat Konġjunt għal Infurza Reġjonali tal-Liġi u Ordni Pubbliku, it-Tribunal Lokali ta' Birkirkara u il-Kunsill Lokali ta' Birkirkara u/jew terżi persuni oħra, liema serq hu kkwalifkat bil-valur ta'

aktar minn €232.94, bil-mezz, bilħin u bix-xorta tal-ħaġa misruqa;
3. talli bħala persuna mhux awtorizzata ttantat tneħħi, jew neħħiet il-klampi li tqiegħdu mar-roti tal-vettura bin-numru tar-reġistrazzjoni HAN 591, jew li ttantat tneħħi, jew neħħiet, l-istess vettura bi klampi mqiegħda mar-roti, jew oġġett ta' ingombru li kien imneħħi, magazzinat jew li kien għadu fil-proċess li wieħed jiddisponi minnu.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2010 fejn il-Qorti ġiet infurmata mir-rappresentant tal-Kumitat Konġunt tat-Tribunal Birkirkara li l-ħsara meritu ta' din il-kawża tammonta għal €15 u li tali Kumitat qed jaħfer tali ħsara.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar, 2010 fejn l-imputata ammettiet l-akkużi miġjuba kontra tagħha.

Għaldaqstant, issib lill-imputata ħatja tal-akkużi miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 325(1)(d), 261(ċ)(f)(g), 267, 270, 271(g) u 278(1)(2) tal-Kodiċi Kriminali u ir-Regolament 3 skond l-Artikolu 11(1) tal-L.S. 65.13 tal-Liġijiet ta' Malta. Rat l-ammissjoni bikrija u l-fedina penali. Ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien sena mil-lum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------